MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 341/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Travellers' Lodge Co. Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' *HSBC Bank Malta p.l.c.* Fil-11 ta' Mejju, 2004, li in forza tieghu, wara li ppremettiet illi permezz tar-rikors bin-numru 330/04TM li fl-atti tieghu qieghda ssir il-procedura odjerna, l-esponent talab ix-xoljiment u l-istralc tas-socjeta' intimata, liema rikors gie appuntat ghas-smiegh ghat-8 ta' Ottubru, 2004.

Ippremettiet illi permezz ta’ rikors iehor fl-atti odjerni s-socjeta’ esponent talbet illi jitwaqqfu l-procediment gudizzjarji kollha kontra s-socjeta’ intimata, partikolarment is-subasta bin-numru 47/1998 fl-ismijiet *“Bank of Valletta p.l.c. vs Travellers’ Lodge Co. Limited” ai termini* ta’ l-Artikolu 220 ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji ta’ l-1995, liema subasta tinsab appuntata ghat-13 ta’ Mejju, 2004.

Ippremettiet illi din l-Onorabbli Qorti cahdet din it-talba ghat-twaqqif tal-procedimenti gudizzjarji permezz ta’ digriet datat is-7 ta’ Mejju, 2004 minghajr ma semghet risposta mis-socjeta’ intimata u minghajr ma tat ebda raguni ghal din ic-cahda.

Ippremettiet illi jekk il-bejgh in subasta surreferit isir, id-drittijiet ta’ l-esponent se ikunu ippregudikati sal-punt illi sakemm din l-Onorabbli Qorti tasal biex tisma l-partijiet u tiddeciedi fuq ir-rikors ta’ xoljiment u stralc, ma jkunx ghad baqa’ proprjeta’ immobbiljari ta’ l-intimati li mir-rikavat tieghu jistghu jithallsu s-socjeta’ esponenti u l-kredituri l-ohra.

Ippremettiet illi s-socjeta’ esponenti hija tal-fehma illi jekk il-proprjeta’ soggetta ghas-subasta surreferita tinghata f’idejn amministratur biex dan ikun jista’ jbieghha fuq is-suq, ir-rikavat tal-bejgh taghha ikun hafna aktar milli jekk il-proprjeta’ tigi illiberata permezz tal-procedura ta’ bejgh in subasta.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tas-sebgha (7) ta’ Mejju, 2004 u tordna illi jitwaqqfu il-procedimenti kollha gudizzjarji kontra s-socjeta’ intimata, partikolarment is-subasta numru 47/1998 li tinsab appuntata ghat-18 ta’ Mejju, 2004, u dan *ai termini* ta’ l-Artikolu 220 ta’ l-Att dwar Kumpaniji ta’ l-1995.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Mejju, 2004;

Rat ir-risposta pprezentata mis-socjeta’ *Bank of Valletta p.l.c.* fl-20 ta’ Mejju, 2004, li in forza taghha eccepixxa illi:

1. L-ewwelnett u qabel kollox ghandu jinghad li mhux minnu li s-subasta numru 47/1998 kienet appuntata ghat-18 ta' Mejju, 2004 kif imsemmi fir-rikors promotur: Infatti l-ahhar data appuntata ghall-imsemmija subasta kienet tirrisali ghal snin ilu.

2. Illi preliminarjament ghandu jinghad ukoll illi kuntrarjament ghal dak imsemmi fir-rikors odjern ma kien hemm l-ebda subasta rigwardanti proprjeta' tas-socjeta' *Travellers' Lodge Company Limited* appuntata ghat-18 ta' Mejju, 2004;

*3.* Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju l-esponenti ggib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi fit-13 ta' Mejju, 2004 kienet appuntata subasta numru 49/03 fl-ismijiet *Bank of Valletta p.l.c. vs Travellers' Lodge Company Limited* u proprju ftit tal-granet qabel ma kellha ssir is-subasta, giet infurmata li kien gie pprezentat mis-socjeta' rikorrenti rikors ghall-stralc tas-socjeta' *Travellers' Lodge Company Limited*

4. Illi l-esponenti ghadha ma gietx notifikata bir-rikors ghall-stralc fuq imsemmi u ghalhekk tirrizerva li tirrispondi ghalih meta tigi hekk notifikata; f'dan l-istadju pero' umilment tirrileva li s-socjeta' *HSBC Bank Malta p.l.c.* ghogobha tintavola proceduri ghal stralc biss ftit granet qabel ma kellu jsir il-bejgh finali minkejja li l-istess socjeta' rikorrenti ilha xhur twal taf bl-imsemmija subasta.

5. Illi *di piu'* l-esponenti umilment tissottometti li tali agir ghandu jigi indirrizzat u b'kull rispett l-esponenti ma thoss li ghandha tbati spejjez gudizzjarji partikolarment meta hija fl-ebda stadju ma nghatat xi preavviz mis-socjeta' *HSBC Bank Malta p.l.c.* li hija kienet tqis li hemm lok ghall-proceduri ghal stalc tas-socjeta' subastata.

6. Illi gialadarba s-socjeta' rikorrenti intavolat proceduri ghal stralc l-esponenti ma tistax, partikolarment *in vista* ta' dak li jipprovdi il-Kapitolu 386 tal-ligijiet, topponi ghas-sospensjoni tas-subasta sakemm dawk il-proceduri ghall-istralc jibqghu pendenti. Biss, l-esponenti umilment

tissottometti illi jekk din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti tali ordni, ghandhom jigu sospizi il-proceduri li kienu verament *in corso* – u mhux dawk kkwotati mis-socjeta' rikorrenti. *Di piu',* jigi umilment rilevat li d-drittijiet ipotekarji u priveleggjarji tas-socjeta' esponenti jippregradwaw dawk ta' kwalsiasi kreditur iehor u dana ghal diversi mijiet ta' eluf ta' liri Maltin. Ergo, jekk jirrizulta li l-proceduri ta' stalc intavolati ser ikunu saru inutilment, is-socjeta' esponenti minn issa qed tirrizerva li drittijiet taghha skond il-ligi.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Peress li jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti fethet proceduri ghall-istralc tal-kumpanija intimata *Travellers' Lodge Company, Ltd*; ikun opportun li, f'dan l-istadju, il-proceduri tas-subasta tal-proprjeta' tas-socjeta' intimata jkunu sospizi, sabiex l-istess proprjeta' jitqieghdu taht il-kontroll u amministrazzjoni tal-istralcjarju li eventwalment jigi mahtur mill-Qorti, u dan ukoll sabiex l-istess proprjeta' tigi trattata u kkunsidrata mill-Qorti li tkun qed tiehu hsieb l-istralc tal-kumpanija intimata.

Ghaldaqstant, tiddisponi mir-rikors, billi tilqa' t-talba rikorrenti, u twaqqaf f'dan l-istadju il-procedimenti kollha gudizzjarji kontra s-socjeta intimata, partikolarment is-subasta numru 49/2003.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------